**QORTI ĊIVILI - PRIM'AWLA**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Ħamis, 7 ta' Diċembru 2023**

**Kawża Numru: 2**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 790/2023 JVC**

**Marcelle Caiola Garzia magħrufha bħala Marcelle Caiola Garcia (ID Nru. 353568M) u Roberto Caiola (ID Nru. 0034455A) għal kull interess li jista' jkollu**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ir-rikorrenti Marcelle Caiola Garzia talbet kif isegwi:

1. 'Illi l-esponenti Marcelle twieldet fil-wiehed u tletin (31) t'Awwissu tas-sena elf disgha mija u tmeinja u sittin (1968) u fl-Att tat-Twelid taghha mahrug mid-Direttur tar-Registru Pubbliku, Malta, bin-numru ta' iskrizzjoni tlett elef hames mija u hamsa u tletin (3535) tas-sena elf disa' mija u tmienja u sittin (1968) (kopja tal-Att ta Twelid hawn anness, esebita u mmarkata bhala Dokument **A**), fil-kolonna ntitolata "Isem u Kunjom", missier ir-rikorrenti Marcelle gie indikat bil-kunjom Garzia filwaqt li ommha wkoll giet indikata bhala mart Michael Garzia;

2. Illi l-esponenti Marcelle izzewget lil-intimat Roberto Caiola fl-ghoxrin (20) ta' Dicembru, elefjn u tlieta (2003) u l-Att taz-Zwieg tal-esponenti mahrug mid-Direttur tar-Registru Pubbliku, Malta bin-numru ta' iskrizzjoni elfejn mitejn u wiehed u sebghin (2271) tas-sena elfejn u tlieta (2003) fil-kolonna 'Taghrif dwar il-Mara Mizzewga' il-kunjom tal-esponenti Marcelle, ta' missierha u wkoll t'ommha huwa indikat 'Garzia' (kopja tal-Att taz-Zwieg hawn anness u mmarkat Dok. **B**)

3. Illi madanakollu ħu l-esponenti Marcelle, Pierre Garcia, twieled fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u wiehed u sittin (1961) u l-Att tat-Twelid tieghu mahrug mid-Direttur tar-Registru Pubbliku, Malta, bin-numru ta' iskrizzjoni sebat elef, tlett mija u tnejn u tmenin (7382) tas-sena elf disa'

mija wiehed u sittin (1961) appartenanti lilu (kopja tal-Att ta' Twelid hawn anness, esebita u mmarkata bhala Dok. **C**), fil-kolonna intitolata "Isem u Kunjom", missier l-esponenti Marcelle gie indikat bil-kunjom Garcia (u mhux Garzia) filwaqt li ommha wkoll giet indikata bhala mart Michael Garcia (u mhux Garzia). Fil-fatt l-imsemmi Pierre Garcia, bhall-istess esponenti Marcelle, dejjem utilizza l-kunjom Garcia pero`, fil-kaz tieghu, ic-certifikat ta-twelid tieghu kien jirreferi diga` ghal tali kunjom ossija 'Garcia' u mhux 'Garzia', tant illi anke fuq l-att taz-zwieg tal-esponenti kunjomu jinsab indikat bhala 'Garcia' u mhux 'Garzia'.

4. Illi anke l-karta tal-identita` ta' omm l-esponenti Marcelle tindika l-kunjom 'Garcia' u mhux 'Garzia' (kopja hawn annessa u mmarkata Dok. **D**)

5. Illi, matul hajtu, missier l-esponenti Marcelle ukoll kien jutilizza l-kunjom 'Garcia' u mhux il-kunjom 'Garzia' kif jirrizulta wkoll mill-karta anzjan tieghu (kopja hawn annessa u mmarkata Dok. **E**).

6. Illi, fil-fatt, sa' minn meta twieldet u kienet ghadha tattendi l-iskola u wkoll korsijiet ta' taghlim ir-rikorrenti Marcelle dejjem uzat il-kunjom taghha Garcia (spellut 'G-A-R-C-I-A') u mhux Garzia (spellut 'G-A-R-Z-I-A') dana kif jirrizulta car kemm mill-karta tal-identita` tal-istess rikorrenti (kopja hawn annessa u mmarkata Dok **F**) u wkoll minn ghadd ta' certifikati hawn annessi u rispettivament immarkati Dok **G** sa **V**).

7. Illi anke meta wara l-esponenti Marcelle bdiet tahdem hija wkoll kienet u ghadha maghrufa bl-isem Marcelle Garcia u l-kunjom li hija ghazlet wara z-zwieg kien dak li bih hija kienet u

ghadha maghrufha bih ossija Caiola Garcia spellut b'dan il-mod (kopja ta' certifikati hawn annessi u rispettivament immarkati Dok. **W** sa **Y**).

8. Illi kien biss meta l-esponenti Marcelle ricentement marret sabiex iggedded il-passaport taghha li hija giet infurmata illi l-kunjom li kellu jigi indikat skont ic-certifikat tat-twelid taghha kien 'Garzia' u mhux 'Garcia'.

9. Illi madanakollu huwa allura car li l-indikazzjoni tal-kunjom Garzia minflok Garcia kemm fuq l-Att tat-Twelid ta-esponenti Marcelle u kif ukoll fuq l-Att taz-Zwieg tal-esponenti qed jagħti lok għal diffikultajiet prattici, u ghalhekk l-esponenti ghandhom l-interess skont il-ligi, *inter alia* ai termini tal-artikolu 253(2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, li ssir id-debita annotazzjoni fic-certifikat tat-twelid tal-esponenti Marcelle u fic-certifikat taz-zwieg taz-zewg esponenti.

10. Illi ghalhekk kellha tigi ntavolata din il-kawza sabiex tigi regolata l-pozizzjoni taz-zewg esponenti b'dan illi jsiru l-korrezzjonijiet relattivi fic-certifikati tat-twelid u taz-zwieg u dan sabiex dawn jirriflettu r-realta' tal-fatti u ma tkomplix tigi kreata konfuzjoni.

11. Illi l-esponenti huma a konoxxenza ta' kawzi simili ghal dik odjerna fejn dina l-Onorabbli Qorti laqghet it-talbiet ghall-korrezzjonijiet fil-kunjom (f'dan is-sens, fost ohrajn, il-kawza fl-ismijiet, *Maruska Xerri et. vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku* (Rik. Nru. 959/2022 JVC deciza fit-tnejn (2) ta' Frar, elfejn tnejn u ghoxrin (2022). (Kopja tad-decizjoni relattiva hawn annessa u mmarkata Dok **Z**)

12. Illi ghaldaqstant ikun opportun illi dina l-Onorabbli Qorti tordna li jsiru l-annotazzjonijiet meħtieġa fuq l-Att tat-Twelid tal-esponenti Marcelle kif ukoll fuq l-Att taz-Zwieg taz-zewg esponenti sabiex kull fejn jirrikorri l-kunjom Garzia fuq tali atti dan jigi sostitwit bil-kunjom Garcia.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu li dina l-Onorabbli Qorti prevja dawk id-dikjarazzjonijiet kollha necessarji u/jew opportuni inkluz il-pubblikazzjoni mehtiega a tenur tal-ligi li, a tenur tal-art. 253 tal-Kodici Civili:

1. Tiddikjara li l-kunjom li bih ir-rikorrenti Marcelle kienet u ghadha konsistentement maghrufa bih huwa 'Garcia' u mhux 'Garzia' u l-kunjom li hadet wara z-zwieg huwa konsistentement maghruf bhala 'Caiola Garcia' u mhux 'Caiola Garzia';

2. Tordna, b'mod partikulari, il-korrezzioni tal-Att tat-Twelid Numru bin-numru ta' iskrizzjoni tlett elef hames mija u hamsa u tletin (3535) tas-sena elf disa' mija u tmienja u sittin (1968) billi ssir annotazzjoni generali li tkun turi illi kunjom il-wild, ossija l-esponenti Marcelle, huwa Garcia u mhix Garzia;

3. Tordna wkoll il-korrezzjoni tal-Att taz-Zwieg tal-esponenti bin-numru ta' iskrizzjoni elfejn mitejn u wiehed u sebghin (2271) tas-sena elfejn u tlieta (2003) (2271/2003) sabiex fil-kolonna 'Taghrif dwar il-Mara Mizzewga' il-kunjom tal-esponenti Marcelle jigi indikat bhala 'Garcia' u mhux 'Garzia' u inoltre dan it-tibdil jigi rifless ukoll fil-kunjom illi l-esponenti Marcelle hadet wara z-zwieg ossija sabiex tali kunjom jigi indikat bhala 'Caiola Garcia' minflok 'Caiola Garzia';

4. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku intimat sabiex jaghmel u jwettaq il-korrezzjonijiet kollha opportuni kif specifikati fit-talbiet precedenti.

Bl-ispejjeż.'

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament jingħad illi trid issir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent mhuwiex edott mill-fatti;

3. Illi mill-informazzjoni fil-poteri tal-esponent jirriżulta illi skont l-Att tat-Twelid 3535/1968, ir-rikorrenti twieldet ġewwa Malta nhar il-31 ta' Awissu 1968. Skont l-istess Att tat-Twelid, il-kunjom tal-missier u n-nannu ġie indikat bħala 'Garzia' , li skont il-liġi in vigore f'dak iż-żmien kien il-kunjom li l-attriċi kellha tassumi, u dana skont kif anke iddikjarat mill-missier u ċioe' 'Michael Garzia'. Għaldaqstant ma jidher illi sar ebda żball mill-esponent meta ġie rreġistrat dan l-Att tat-Twelid.

4. Illi skont annotazzjoni fuq l-istess Att tat-Twelid, nhar l-14 ta' Lulju 2021, l-attriċi bidlet isimha minn 'Marcelle (Maria Marcelle)' għal 'Marcelle' u dan tramite s-sottomissjoni tal-Formula V ai termini tal-Artikolu 278A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Illi jirriżulta ukoll illi sar rikors quddiem Il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili fejn permezz ta' digriet datat 6 ta' Ġunju 2023, dik Il-Qorti ċaħdet it-talba għat-tibdil fil-kunjom tar-rikorrenti mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe kawża ġudizzjarja li tista' ssir ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, kif filfatt jirriżulta qiegħed issir permezz ta' din Il-kawża;

6. Illi skont l-Att taż-Żwieġ bin-numru 2271 / 2003, meta żżewġu r-rikorrenti, fl-Att taż-Żwieġ il-mara ġiet indikata ukoll bil-kunjom 'Garzia'uwara ż-żwieġ fl-2003 hija kienet primarjament għażlet li ser tieħu kunjom zewġħa 'Caiola', madanakollu skont l-annotazzjonijiet fuq l-Att taż-Żwieġ, hija fl-14 ta' Lulju 2021 bidlet il-kunjom wara z-żwieġ minn 'Caiola' ghal 'Caiola Garzia', u dana permezz tas-sottomissjoni tal-Formula Y ai termini tal-Artikolu 4(6) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. Illi issa r-rikorrenti qegħdin jisħqu illi l-attrici dejjem użat il-kunjom 'Garcia' u mhux 'Garzia' matul ħajjitha u jippreżentaw diversi dokumenti mar-rikors promotur biex jissostanzjaw tali pretensjoni;

8. Illi rigward it-talbiet l-esponent jirrimetti ruħu salv illi provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi u kemm il-darba din l-Onorabbli Qorti tkun sodisfatta illi l-attriċi dejjem użat il-kunjom "Garcia" bħala kunjom xbubitha;

9. Illi finalment, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ u kif spjegat aktar qabel, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas tal-esponent u għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

10.Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.'

Rat illi saret id-debita publikazzjoni skont il-Liġi esebita a fol. 36 tal-proċess.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-mertu l-Qorti rat id-dokumentazzjoni annessa mar-rikors ġuramentat illi tevidenzja mingħajr dubju illi r-rikorrenti minn dejjem kienet magħrufa bil-kunjom 'Garcia' u mhux bil-kunjom 'Garzia'.

Illi in vista ta' din id-dokumentazzjoni l-Qorti tqies illi t-talbiet tar-rikorrenti huma ġustifikati u ser tgħaddi sabiex tilqa' l-istess. In vista li jirriżulta li l-izball ma sarx da parti tad-Direttur intimat il-Qorti ser tieħu konjizzjoni ta' dan fir-rigward tal-kap tal-ispejjez.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, ir-raġunijiet kollha suesposti il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi l-kawża odjerna kif isegwi:

1. Tiċħad ir-risposta tal-intimat sakemm din hija inkompatibbli ma' dak hawn deċiż;

2. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-kunjom li bih ir-rikorrenti Marcelle kienet u ghadha konsistentement maghrufa bih huwa 'Garcia' u mhux 'Garzia' u l-kunjom li hadet wara z-zwieg huwa konsistentement maghruf bhala 'Caiola Garcia' u mhux 'Caiola Garzia';

3. Tilqa' t-tieni talba w tordna b'mod partikolari, il-korrezzjoni tal-Att tat-Twelid Numru bin-numru ta' iskrizzjoni tlett elef hames mija u hamsa u tletin (3535) tas-sena elf disa' mija u tmienja u sittin (1968) billi ssir annotazzjoni generali li tkun turi illi kunjom il-wild, ossija l-esponenti Marcelle, huwa 'Garcia' u mhix 'Garzia';

4. Tilqa' it-tielet talba u tordna wkoll il-korrezzjoni tal-Att taz-Zwieg tal-esponenti bin-numru ta' iskrizzjoni elfejn mitejn u wiehed u sebghin (2271) tas-sena elfejn u tlieta (2003) (2271/2003) sabiex fil-kolonna 'Taghrif dwar il-Mara Mizzewga' il-kunjom tal-esponenti Marcelle jigi indikat bhala 'Garcia' u mhux 'Garzia' u inoltre dan it-tibdil jigi rifless ukoll fil-kunjom illi l-esponenti Marcelle hadet wara z-zwieg ossija sabiex tali kunjom jigi indikat bhala 'Caiola Garcia' minflok 'Caiola Garzia';

5. Tilqa' ir-raba' talba limitatament għall-atti fil-poter tad-Direttur intimat;

6. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan fit-termini tal-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Fic-cirkostanzi l-ispejjez kontra l-istess rikorrent.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**7 ta' Diċembru 2023**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**7 ta' Diċembru 2023**